32005D0377

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' l-10 ta' Mejju 2005

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward ta' l-awdituri esterni tan-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique u tal-Bank tal-Greċja

(2005/377/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjonijiet BĊE/2005/7 u BĊE/2005/8 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' April 2005 lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Bank tal-Greċja [1] u tan-Nationale Bank van België [2],

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Eurosystem għandhom jiġu verifikati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Regolatorju tal-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat ta' l-awdituri esterni attwali tan-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique (minn issa 'l quddiem "NBB/BNB") skada u mhux se jiġi mġedded. Għalhekk jeħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2005.

(3) L-NBB/BNB għażel lil Ernst & Young Bedrijfsrevisoren/Réviseurs d'Entreprises bħala l-awdituri esterni l-ġodda tiegħu skond ir-regoli tiegħu dwar l-akkwist pubbliku, u l-BĊE jikkunsidra li l-awdituri magħżulin jissodisfaw il-ħtiġiet tal-ħatra.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE irrakkomanda li l-mandat ta' dawn l-awdituri esterni għandu jkun ta' tliet snin, jiġġedded darba.

(5) Taħt il-liġi Griega, l-istess awditur estern ma jistax jiġi maħtur għal iktar minn erba' snin finanzjarji. Għaldaqstant, il-mandat ta' Charalambos Stathakis, li huwa wieħed miż-żewġ awdituri esterni attwali, ma jistax jiġi mġedded. Skond il-liġi tal-Greċja, il-Bank tal-Greċja jista' jżomm lil Ernst & Young (Hellas) Certified Auditors SA bħala l-awdituri esterni tiegħu, bil-kundizzjoni li s-soċju li jkun qiegħed imexxi jiġi rotat.

(6) Il-Bank tal-Greċja ddecieda li Ernst & Young (Hellas) Certified Auditors SA għandu jkun l-uniku awditur estern tiegħu għas-sena finanzjarja 2005, u l-BĊE jikkunsidra li din il-kumpanija tissodisfa l-ħtiġiet meħtieġa għal tali ħatra.

[1] ĠU C 91, 15.4.2005, p. 4.
[2] ĠU C 91, 15.4.2005, p. 5.

(7) Il-Kunsill Regolatorju tal-BĊE irrakkomanda li l-mandat eżistenti ta' dawn l-awdituri esterni għandu jkompli u jkun għal perijodu li jista' jiġġedded ta' sena.

(8) Jixraq li jiġu segwiti r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE u li tiġi emendata d-Deċiżjoni 1999/70/KE [1] kif suppost,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 1999/70/KE għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Ernst & Young Bedrijfsrevisoren/Réviseurs d'Entreprises qegħdin hawnhekk jiġu approvati bħala l-awdituri esterni tan-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique missena finanzjarja 2005 għal perijodu ta' tliet snin, dan il-perijodu jiġi mġedded għal darba waħda."

Artikolu 2

L-Artikolu 1(12) tad-Deċiżjoni 1999/70/KE għandu jinbidel b'dan li ġej:

"12. Ernst & Young (Hellas) Certified Auditors SA qegħdin hawnhekk jiġu approvati bħala l-awdituri esterni tal-Bank tal-Greċja għas-sena finanzjarja 2005 għal perijodu mġedded ta' sena."

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi notifikata lill-BĊE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, 10 ta' Mejju 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KRECKÉ

[1] ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2005/266/KE (ĠU L 82, 31.3.2005, p. 6).